SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

17 ta' Frar 2009 *

Fil-Kawża C-552/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Conseil d'État (Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Diċembru 2007, fil-proċedura

Commune de Sausheim

vs

Pierre Azelvandre,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz, R. Silva de Lapuerta (Relatur), E. Juhász u J. Malenovský, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Ottubru 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Commune de Sausheim, minn D. Le Prado, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u A.-L. During, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn S. Papaioannou u V. Karra kif ukoll minn I. Chalkias, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u M. de Mol kif ukoll minn M. de Grave, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Dowgielewicz u B. Majczyna, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn C. Zadra u J.-B. Laignelot, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-22 ta' Diċembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari, kif imressqa mill-qorti tar-rinviju, tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 117, p.15).

2 Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala suġġett il-kontestazzjoni ta' deċiżjoni amministrattiva mogħtija matul is-sena 2004. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva 90/220 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitoli 15, Vol., 6 p. 77-114), l-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Ottubru 2002. Skont l-Artikolu 36(1) tad-

Direttiva 2001/18, id-Direttiva 90/220 ġiet imħassra b'effett mill-istess data. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18.

3 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Commune de Sausheim u P. Azelvandre dwar ir-rifjut ta' komunikazzjoni lil dan tal-aħħar ta' ittri amministrattivi u reġistri ta' taħwil marbuta ma' provi ta' rilaxx intenzjonat ta' organiżmi modifikati ġenetikament (iktar 'il quddiem "GMOs").

Il-kuntest ġuridiku Komunitarju

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/18 jipprovdi:

"Skond il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tapprossima l-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent meta:

— tagħmel rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament għal skopijiet oħra barra dawk li tpoġġihom fis-suq fil-Komunità,

— tpoġġi fis-suq organiżmi modifikati ġenetikament bħal jew fi prodotti fil-Komunità.”

5 Skont l-Artikolu 2(3) tal-imsemmija direttiva, b’“rilaxx intenzjonat” wieħed jifhem kwalunkwe introduzzjoni intenzjonata fl-ambjent ta’ GMO jew tagħqid ta’ GMOs li għalihom ma jintużawx miżuri ta’ ħażna partikolari sabiex jillimitaw il-kuntatt tagħhom mal-popolazzjoni inġenerali u mal-ambjent u sabiex jiżguraw lil dawn tal-aħħar livell għoli ta’ sigurtà.

6 L-Artikolu 4(1) u (2) tal-istess direttiva jiddefinixxi l-obbligi ġenerali tal-Istati Membri fil-qasam kif ġej:

“1. L-Istati Membri skond il-prinċipju ta’ prekawzjoni jassiguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiġu evitati effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent li jista’ jsir mir-rilaxx intenzjonat jew tpoġġija ta’ GMOs fis-suq. GMOs jistgħu jiġu rilaxxati jew jitpoġġew fis-suq intenzjonalment biss in konformità mal-parti B jew mal-parti C rispettivament.

2. Kwalunkwe persuna qabel tissotometti notifika skond parti B jew parti C, għandha tagħmel stima ta’ riskju ambjentali. L-informazzjoni li tista’ tkun neċessarja biex tagħmel stima ta’ riskju ambjentali hija stabbilita fl-Anness III. […]”

7 Fir-rigward tal-"proċedura ta' awtoriżżazjoni standard", l-Artikolu 6(1) u (2)(a) tad-Direttiva 2001/18 jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 5, kwalunkwe persuna trid, qabel ma tirrilaxxja b'mod intenzjonat GMO jew tagħqid ta' GMOs, tagħti notifika lil awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fit-territorju tiegħu se jsir ir-rilaxx.

2. In-notifika riferita fil-paragrafu 1 tinkludi:

(a) dossier tekniku li jagħti l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III neċessarja biex isir stima ta' riskju ambjentali ta' rilaxx intenzjonat ta' GMO jew tagħqid ta' GMOs […]"

8 L-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva jistipula:

"1. L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 u 25, jikkonsultaw lil pubbliku u, fejn xieraq, gruppi fuq ir-rilaxx

intenzjonat li ġie propost. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti għal din il-konsultazzjoni, inkluż perijodu ta' żmien raġjonevoli, biex tagħti lil pubbliku jew gruppi opportunità biex jesprimu opinjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25:

— L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku informazzjoni fuq ir-rilaxxamenti kollha ta' GMOs ta' parti B fit-territorju tagħhom;

[…]"

9 Fir-rigward tal-"proċedura ta' notifika", l-Artikolu 13(2)(a) tal-istess direttiva jipprovdi:

"In-notifika għandu jkun fiha:

(a) l-informazzjoni rikjesta fl-Annessi III u IV. Din l-informazzjoni tieħu akkont ta' diversità ta' postijiet ta' użu ta' GMO bħal jew fi prodott u tinkludi informazzjoni fuq data u riżultati miksuba minn riċerka u konklużżjonijiet ta' żvilupp dwar l-impatt tar-rilaxx fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent".

10 L-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ma jikxfux lill-partijiet oħra xi informazzjoni kunfidenzjali notifikata jew skambjata skond din id-Direttiva u tipproteġi drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali relatati mad-data li tkun riċevuta.

2. In-notifikant jista' jindika l-informazzjoni fin-notifika li ngħatat skond din id-Direttiva, li l-kxif tagħha jista' jkun ta' ħsara għal pożizzjoni kompettitiva tiegħu u li għalhekk għandha tkun meqjusa bħala kunfidenzjali. Ġustifikazzjoni li tista' tiġi verifikata trid tingħata f'dawn il-każi.

3. L-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni man-notifikant, tiddeċiedi liema informazzjoni tinżamm kunfidenzjali u tinforma lin-notifikant bid-deċiżjonijiet tagħha.

4. F'ebda każ ma tista' din l-informazzjoni [li ġejja] meta tingħata skond l-Artikoli 6, 7, 8, 13, 17, 20 jew 23 tinżamm kunfidenzjali:

— deskrizzjoni ġenerali ta' GMO jew GMOs, isem u indirizz ta' notifikant, skop ta' rilaxx, post ta' rilaxx u użi maħsubha;

— […]

— stima ta' riskju ambjentali."

11 L-Artikolu 31 tal-istess direttiva, dwar l-iskambju ta' informazzjoni u rappurtaġġ, jipprovdi fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 2 u punt A Nru 7 tal-Anness IV,

(a) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistri pubbliċi fejn il-post ta' rilaxx ta' GMO's skond il-parti B tkun rekordjata.

(b) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll reġistri biex jirrekordjaw fejn il-GMOs ikunu mkabbra skond il-parti C, inter alia biex effetti possibli ta' GMOs fuq l-ambjent jistgħu jkunu segwiti […] Mingħajr preġudizzju […] dawn il-postijiet għandhom ikunu:

— notifikati lill-awtoritajiet kompetenti, u

— jsiru magħrufa lil pubbliku

Skond kif meqjus xieraq mill-awtoritajiet kompetenti u skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali."

12 L-Anness III tad-Direttiva 2001/18 jipprovdi speċifikazzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tingħata fin-notifiki msemmija fil-partijiet B u Ċ ta' din id-direttiva, jiġifieri l-Artikoli 5 sa 24 tagħha.

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar l-aċċess ħieles għall-informazzjoni dwar l-ambjent (ĠU L 158, p. 56) tipprovdi, fl-Artikolu 3(2) tagħha:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu biex talba għal din l-informazzjoni tiġi rrifjutata fejn tkun teffettwa:

— il-kunfidenzalità tal-proċeduri ta' awtoritajiet pubbliċi, relazzjonijiet internazzjonali u difiża nazzjonali,

— sigurtà pubblika,

[…]

— kunfidenzalità kummerċjali u industrijali, inkluża l-proprjetà intellettwali,

[…]

— materjal, li l-iżvelar tiegħu jkun se jagħmilha aktar probabbli li l-ambjent li dwaru dak il-materjal ikun jittratta tkun se ssirlu ħsara.

[…]"

14 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva 90/313 (ĠU L 41, p. 26), li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10 tagħha, kellha tiġi fis-seħħ sa mhux iktar tard mill-14 ta' Frar 2005, tipprovdi fil-punti (b), (e) u (h) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha illi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li tiġi rrifjutata talba għal tagħrif dwar l-ambjent jekk l-iżvelar tat-tagħrif jaffettwa b'mod negattiv, fost materji oħra, is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent li miegħu jkun marbut dan it-tagħrif rispettivament.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 B'ittra tal-21 ta' April 2004, P. Azelvandre talab lis-Sindku tal-Commune de Sausheim jgħaddilu, fir-rigward ta' kull rilaxx ta' GMOs fit-territorju ta' dan il-komun, l-avviż pubbliku, ir-reġistru ta' taħwil, li jippermetti l-identifikazzjoni tal-porzjon ta' art maħduma, u l-ittra amministrattiva ta' tifsir ta' dawn id-dokumenti. Huwa talab ukoll l-inkartamenti ta' informazzjoni fir-rigward ta' kull rilaxx ġdid li kellu jsir fl-2004.

16 Fin-nuqqas ta' tweġiba għat-talba tiegħu, P. Azelvandre ressaq, b'ittra tal-1 ta' Ġunju 2004, talba quddiem il-commission d'accès aux documents administratifs (CADA) bil-għan li jingħatawlu d-dokumenti msemmija fl-ittra tiegħu tal-21 ta' April 2004. Fl-24 ta' Ġunju 2004, din il-kummissjoni tat opinjoni favorevoli fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-avviż pubbliku u tal-ewwel paġna tal-ittra amministrattiva ta' tifsir. Min-naħa l-oħra, hija ma qablitx mal-komunikazzjoni tar-reġistru ta' taħwil fil-porzjon ta' art u tal-pjanta li tidentifika l-post tar-rilaxx, minħabba li din il-komunikazzjoni tippreġudika l-kunfidenzjalità tal-ħajja privata u s-sigurtà tal-bdiewa kkonċernati. Barra minn hekk, din il-kummissjoni ddikjarat inammissibbli t-talba għall-komunikazzjoni tal-inkartamenti ta' informazzjoni dwar kull rilaxx ġdid.

17 Wara din l-opinjoni, fl-24 ta' Mejju u fl-4 ta' Awwissu 2004, is-Sindku ta' Sausheim għadda lil P. Azelvandre l-avviżi pubbliċi dwar il-ħames rilaxxi ta' GMOs magħmula fit-territorju ta' dan il-komun u l-ittri amministrattivi ta' tifsir fir-rigward ta' tnejn minn dawn l-avviżi.

18 Fis-16 ta' Settembru 2004, P. Azelvandre ppreżenta quddiem it-Tribunal administratif de Strasbourg rikors li jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni impliċita li permezz tagħha s-Sindku ta' Sausheim ċaħad it-talba għall-komunikazzjoni tal-ittri

amministrattivi u tar-reġistri ta' taħwil fir-rigward ta' kull rilaxx ta' GMOs fit-territorju ta' dan il-komun u, min-naħa l-oħra, li s-Sindku jiġi ordnat jgħaddilu dawn id-dokumenti.

19 B'sentenza tal-10 ta' Marzu 2005, it-Tribunal administratif de Strasbourg, minn naħa, annulla d-deċiżjoni impliċita li permezz tagħha s-Sindku rrifjuta li jgħaddi lil K. Azelvandre l-ittri amministrattivi marbuta mal-provi l-oħra ta' rilaxx ta' GMOs u r-reġistri ta' taħwil li jirrigwardaw ħames provi, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar l-ismijiet, u, min-naħa l-oħra, ordna lis-Sindku tal-imsemmi komun jgħaddi d-dokumenti hawn fuq imsemmija lil P. Azelvandre.

20 Fit-30 ta' Mejju 2005, il-Commune de Sausheim ippreżenta quddiem il-Conseil d'État appell minn din is-sentenza bil-għan li jikseb l-annullament tagħha.

21 Il-Conseil d'État għandu dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-obbligi ta' informazzjoni lill-pubbliku fil-qasam tar-rilaxx intenzjonat tal-GMOs, kif dawn jirriżultaw b'mod partikolari fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 90/220.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Għandu l-'post fejn ir-rilaxx ta' l-organiżmi modifikati ġenetikament se jsir', li skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva […] 90/220 […] dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament, ma jistax jinżamm kunfidenzjali,

jinftiehem bħala l-porzjon ta' art irreġistrata fil-katast jew żona ġeografika ikbar li tikkorrispondi jew għall-komun li fih ser iseħħ ir-rilaxx jew għal żona estiża iktar (canton, dipartiment)?

2) Fil-każ li l-post għandu jinftiehem bħala li jindika l-porzjon ta' art irreġistrata fil-katast, tista' ssir eċċezzjoni bil-għan tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew ta' materji kunfidenzjali oħra protetti mil-liġi, għall-komunikazzjoni tar-referenzi katastali tal-post tar-rilaxx, fuq il-bażi tal-Artikolu [95 KE] jew tad-Direttiva 2003/4 […] jew ta' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

Osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23 Il-Commune de Sausheim jikkunsidra li l-"post ta' rilaxx" fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18 għandu jinftiehem bħala t-territorju tal-komun fejn isiru l-provi.

24 Il-Gvern Franċiż jikkunsidra li l-post tar-rilaxx jista' jikkonċerna żona ġeografika ikbar mill-porzjon ta' art irreġistrata, liema żona tista' tkun il-komun jew il-canton.

25 Skont il-Gvern Elleniku, il-post tar-rilaxx għandu jiġi ddefinit bħala porzjon ta' art irreġistrata fil-katast u identifikata bħala tali jew, fin-nuqqas ta' katast, porzjon ta' art identifikata u li dwarha jkun hemm informazzjoni preċiża ta' fejn tinsab, fis-sistema ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-artijiet, bis-saħħa tas-sistema ta' informazzjoni ġeografika.

26 Il-Gvern Olandiż isostni li l-kunċett ta' post tar-rilaxx m'għandux jinftiehem bħala l-porzjon ta' art irreġistrata ħlief f'ċerti każijiet. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kontenut ta' dan il-kunċett, l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni.

27 Il-Gvern Pollakk isostni li l-post tar-rilaxx m'għandux jinftiehem bħala l-porzjon ta' art irreġistrata, iżda żona ġeografika ikbar, iddefinita b'tali mod li l-aċċess xieraq tal-pubbliku għall-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' rilaxx fl-ambjent ta' GMOs ikun iggarantit, filwaqt li jitħarsu l-interessi ekonomiċi tal-operaturi li jwettqu dawn l-operazzjonijiet.

28 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tosserva li l-post tar-rilaxx għandu jiġi ddefinit skont id-data ppreżentata lill-awtoritajiet nazzjonali mill-persuna li tinnotifikahom, każ b'każ, skont il-proċeduri msemmija fil-partijiet B u Ċ tad-Direttiva 2001/18.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

29 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi osservat preliminarjament li l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18, li jipprovdi li ċerta informazzjoni dwar rilaxxi intenzjonati fl-ambjent ta' GMOs ma tistax tinżamm kunfidenzjali, jinsab f'korp ta' regoli dwar il-proċeduri differenti applikabbli għal dawn ir-rilaxxi. Dawn ir-regoli huma ispirati mill-għanijiet ta' din id-direttiva, kif indikat b'mod espliċitu fil-ħames, fis-sitt, fit-tmien u fl-għaxar premessi tagħha, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, il-prinċipju li għandha tittieħed azzjoni preventiva u l-prinċipju ta' prekawzjoni kif ukoll it-trasparenza tal-miżuri li jirrigwardaw il-preparazzjoni u l-implementazzjoni ta' dawn ir-rilaxxi.

30 Fir-rigward tal-aħħar għan imsemmi hawn fuq, għandu jiġi enfasizzat li s-sistema ta' trasparenza li din id-direttiva tistabbilixxi hija riflessa b'mod partikolari fl-Artikolu 9, kif ukoll fl-Artikoli 25(4) u 31(3) tagħha. Fil-fatt, permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-leġiżlatur Komunitarju fittex li jistabbilixxi mhux biss mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-pubbliku inġenerali u, fejn applikabbli, ma' ċerti gruppi fir-rigward tar-rilaxx intenzjonat ta' GMOs previst, iżda wkoll dritt ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar operazzjoni bħal din kif ukoll il-ħolqien ta' reġistri pubbliċi li fihom ikun hemm indikat il-post fejn isir kull rilaxx ta' GMOs.

31 Kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punti 45 u 48 tal-konklużjonijiet tagħha, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta wkoll li d-drittijiet stipulati fihom huma marbuta mill-qrib mal-informazzjoni li għandha tingħata fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' kull rilaxx intenzjonat ta' GMOs għal kull skop għajr dak tat-tqegħid tagħhom fis-suq, skont l-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2001/18.

32 Mir-rabta hekk stabbilita bejn il-proċedura ta' notifika u l-aċċess għad-data dwar l-operazzjoni ta' rilaxx intenzjonat ta' GMOs prevista jirriżulta li, mingħajr ħsara għad-derogi previsti mill-imsemmija direttiva, il-pubbliku interessat jista' jitlob li jiġi pprovdut b'kull informazzjoni mibgħuta min-notifikant fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni dwar rilaxx bħal dan.

33 F'dak li jirrigwarda n-natura ta' din id-data, l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 2001/18 jipprovdi li kwalunkwe persuna li tkun trid tirrilaxxja b'mod intenzjonat GMOs għandha tagħti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun se jsir ir-rilaxx, u dan għandu jfisser dossier tekniku li jkollu fih l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness III ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 13(2)(a) tal-istess direttiva, din l-informazzjoni għandha tqis id-diversità tas-siti ta' użu tal-GMOs.

34 Huwa billi jqisu dawn il-fatturi kollha li l-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 4 (1) u (2) tad-Direttiva 2001/18, jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiġu evitati effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent li jistgħu jirriżultaw mir-rilaxx intenzjonat ta' GMOs u li ssir stima xierqa tar-riskji ambjentali li jistgħu jirriżultaw minn operazzjoni bħal din.

35 Fir-rigward tal-livell ta' dettall tad-data li għandha tiġi pprovduta, għandu jiġi rrilevat li, kif indikat fl-Anness III tad-Direttiva 2001/18, dan ivarja skont in-natura tar-rilaxx intenzjonat ta' GMOs previst. F'dan ir-rigward, l-Anness IIIB ta' din id-direttiva, dwar rilaxxi ta' pjanti ogħla ġenetikament modifikati, jinkludi dispożizzjonijiet fid-dettall dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta min-notifikant.

36 B'mod partikolari jidhru fost id-data li għandha tissemma fid-dossiers tekniċi li jintbagħtu flimkien man-notifiki, skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness IIIB(E) tal-imsemmija direttiva, il-post u l-estensjoni tas-siti ta' rilaxx kif ukoll id-deskrizzjoni tal-ekosistema tas-siti ta' rilaxx, inklużi l-klima, il-flora u l-fawna, kif ukoll il-viċinanza ta' biotopes uffiċjalment rikonoxxuti jew ta' żoni protetti li jistgħu jiġu affettwati.

37 Fir-rigward tar-rilaxx ta' organiżmi ġenetikament modifikati għajr il-pjanti ogħla, il-parti IIIB tal-Anness IIIA jispeċifika, fost id-data li għandha tissemma fid-dossiers tekniċi li jintbagħtu man-notifiki, il-post ġeografiku u l-grid reference tas-sit jew siti ta' rilaxx kif ukoll id-deskrizzjoni tal-ekosistemi, f'mira u dawk mhux f'mira, li jistgħu jiġu affettwati.

38 B'dan il-mod, il-fatturi marbuta mal-post ġeografiku ta' rilaxx intenzjonat ta' GMOs li għandhom jidhru fin-notifika ta' dan ir-rilaxx jirriflettu r-rekwiżiti intiżi li jiddeterminaw l-effetti ambjentali konkreti ta' operazzjoni bħal din. Għalhekk id-dettalji tas-sit ta' rilaxx bħal dan għandhom jiġu ddefiniti fid-dawl tal-karatteristiċi ta' kull operazzjoni u tal-effetti ambjentali tagħha li jista' jkun hemm, kif jirriżulta miż-żewġ punti preċedenti ta' din is-sentenza.

39 Għalhekk, għall-ewwel domanda għandha tingħata r-risposta li l-"post ta' rilaxx", fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18, huwa ddeterminat permezz tal-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-post tal-imsemmi rilaxx sottomess min-notifikant lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir dan ir-rilaxx, fil-kuntest tal-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6, 7, 8, 13, 17, 20 jew 23 tal-istess direttiva.

Fuq it-tieni domanda

Osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

40 Il-Commune de Sausheim jikkunsidra li l-Artikolu 95 KE u d-Direttiva 2003/4/KE jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jiddeċiedu li l-informazzjoni marbuta mal-post fejn isiru l-provi ta' rilaxx intenzjonat ta' GMOs tista' tinżamm kunfidenzjali għal raġunijiet ibbażati fuq il-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika.

41 Il-Gvern Franċiż isostni li, fil-każ li l-qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-post tar-rilaxx huwa l-porzjon ta' art irreġistrata, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw każ b'każ jekk, indipendentement mill-interessi tan-notifikant, interessi marbuta b'mod partikolari mal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika jipprekludux l-iżvelar tal-informazzjoni dwar l-imsemmi post.

42 Skont il-Gvern Elleniku, fil-każ li bil-"post tar-rilaxx" wieħed jifhem porzjon ta' art irreġistrata, eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew ma' affarijiet kunfidenzjali oħra protetti mil-liġi tista' tipprekludi b'mod eċċezzjonali biss il-komunikazzjoni tar-referenzi katastali tal-post tar-rilaxx, u dan sakemm din ma tkunx ifformulata b'mod ġenerali, iżda għall-kuntrarju tiġi motivata b'mod suffiċjenti.

43 Il-Gvern Pollakk isostni li, fil-każ li l-kunċett ta' post tar-rilaxx ikun ifisser il-porzjon ta' art irreġistrata, l-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku tista', bħala

regola ġenerali, tipprekludi l-komunikazzjoni tar-referenzi katastali fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/4 tal-Artikolu 95 KE.

44 Il-Kummissjoni tirrileva li d-dritt Komunitarju ma jipprovdi ebda eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew ta' natura oħra li tista' titqajjem fil-konfront tar-regola stipulata fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 Sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi mfakkar illi l-Artikolu 25(1) sa (3) tad-Direttiva 2001/18 jistabbilixxi sistema li tiddefinixxi bi preċiżjoni l-kunfidenzjalità li minnha tista' tibbenefika d-data differenti kkomunikata fil-kuntest tal-proċeduri ta' notifika u ta' skambju ta' informazzjoni previsti mill-istess direttiva.

46 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-informazzjoni kunfidenzjali nnotifikata lill-Kummissjoni u lill-awtorità kompetenti jew skambjata skont l-imsemmija direttiva, kif ukoll l-informazzjoni li tista' tippreġudika pożizzjoni ta' kompetizzjoni ma tistax tiġi żvelata, u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali marbuta ma' din id-data għandhom jiġu protetti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25(2) u (3), l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni man-notifikant, liema informazzjoni tinżamm kunfidenzjali fid-dawl tal-"ġustifikazzjoni li tista' tiġi verifikata" mressqa min-notifikant, li jiġi informat bid-deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward mill-imsemmija awtorità.

47 Għalhekk permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet kollha, id-Direttiva 2001/18 stabbilixxiet regoli eżawrjenti dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku fil-qasam inkwistjoni u l-eżistenza ta' derogi li jista' jkun hemm minn dan id-dritt.

48 Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-post tar-rilaxx, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 25(4) tal-imsemmija direttiva, din fl-ebda każ ma tista' tibqa' kunfidenzjali.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kunsiderazzjonijiet marbuta mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku u ma' affarijiet kunfidenzjali oħra protetti mil-liġi, bħal dawk indikati mill-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda tagħha, ma jistgħux jikkostitwixxu raġunijiet li jistgħu jirrestringu l-aċċess għad-data elenkata fl-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18, li fosthom hemm b'mod partikolari dik dwar il-post tar-rilaxx.

50 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-biża' tad-diffikultajiet interni ma tistax tiġġustifika nuqqas minn Stat Membru li japplika d-dritt Komunitarju korrettament (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, C-265/95, Ġabra p. I-6959, punt 55). B'mod partikolari, fir-rigward tar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' GMOs, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 72 tas-sentenza tagħha tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza (C-121/07, Ġabra p. I-9159), li, jekk wieħed jassumi li l-problemi msemmija mir-Repubblika Franċiża huma effettivament parzjalment dovuti għall-implementazzjoni tar-regoli ta' oriġini Komunitarja, Stat Membru ma jistax jeċċepixxi diffikultajiet fl-applikazzjoni li feġġew fl-istadju tal-eżekuzzjoni ta' att Komunitarju, inklużi dawk marbuta mar-reżistenza ta' individwi, biex jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi u t-termini li jirriżultaw mir-regoli tad-dritt Komunitarju.

51 Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/18 hija ssostanzjata bir-rekwiżit, li jinsab fit-tielet inċiż tal-Artikolu 25(4), li d-data dwar l-istima tar-riskji ambjentali ma tistax tibqa' kunfidenzjali. Fil-fatt, stima bħal din issir biss fid-dawl tal-għarfien sħiħ tar-rilaxx previst, peress li, fin-nuqqas ta' dan, ma jkunux jistgħu jiġu evalwati sewwa r-riperkussjonijiet li jista' jkun hemm għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent bħala riżultat ta' rilaxx intenzjonat ta' GMOs (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punti 75 u 77).

52 Fir-rigward tad-Direttivi 90/313 u 2003/4, għandu jingħad ukoll li, kif l-Avukat Ġenerali jirrileva fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tagħha, Stat Membru ma jistax jinvoka dispożizzjoni derogatorja li tinsab f'dawn id-direttivi sabiex jirrifjuta l-aċċess għal informazzjoni li tkun fil-qasam pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 90/220 u 2001/18.

53 Fl-aħħar nett, fid-dawl tar-riferiment tal-qorti tar-rinviju għall-Artikolu 95 KE, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat illi l-Istat Membru kkonċernat m'għamilx użu mill-possibbiltà prevista f'dan l-artikolu.

54 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/313, kif ukoll tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4, li jipprovdu li talba għal informazzjoni ambjentali tista' tiġi miċħuda meta l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba jista' jippreġudika ċerti interessi, li fosthom tinsab is-sigurtà pubblika, ma jistgħux jintużaw b'mod utli kontra r-rekwiżiti ta' trasparenza li joħorġu mill-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18.

55 Għaldaqstant, għat-tieni domanda għandha tingħata r-risposta li eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew ma' interessi oħra protetti mil-liġi ma tistax titqajjem fil-konfront tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18.

Fuq l-ispejjeż

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-"post ta' rilaxx", fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE, huwa ddeterminat permezz tal-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-post tar-rilaxx sottomess min-notifikant lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-terrritorju tiegħu għandu

jsir dan ir-rilaxx fil-kuntest tal-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6 sa 8, 13, 17, 20 jew 23 tal-istess direttiva.

2) Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew ma' interessi oħra protetti mil-liġi ma tistax titqajjem fil-konfront tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2001/18.

Firem